

# Xandru Farrugia

## *L-Iskultur tal-Vara tal-Lunzjata*

**miktub minn Clifford Galea**



Insellem lilkom għeżież ħuti Tarxiniżi għat-tieni darba f'dan il-ktejjeb. Jgħaddi ż-żmien u aktar inħossni parti minnkom, anke mill-mod kif niġi milqugħ minnkom. Ta' dan iħossni wisq obbligat lejkom ukoll. Huwa pjaċir tiegħi li nara raħal ħelu bħal dan mimli bi storja jkompli jiżviluppa kulturalment, anke permezz ta' din l-Għaqda ħabrieka. Prosit tassew u nawgura b'mod sinċier, aktar ħidma ta' suċċess u li tagħti frott. Fil-fatt għażilt li nitkellem ftit dwar l-istatwa tal-Lunzjata ta' Xandru Farrugia li ovvjament intom it-Tarxiniżi smajtu bih xi darba jew oħra. Għandkom biex tkunu kburin, kif m'għandix dubju li intom, għaliex mastru bħal dan minn idejh, ħarġet statwa li tpaxxi lil kull min iżur dan ir-raħal. Statwa ta' ħlejju liema bħalha u li tistagħna lil dan ir-raħal u lill-Knisja Parrokkjali.

Kien proprju fl-1829 li t-Tarxiniżi kkummissjonaw lill-Mastru Alessandro Farrugia miż-Żejtun biex jiskolpixxi l-Annunzjata fl-injam. Ma nstab s'issa l-ebda dokument li juri li l-istatwa nħadmet f'din is-sena, imma fil-bażi tas-sħaba tal-Anġlu Gabriel tinsab imnaqqxa sena li taqbel ma' din id-data. Xandru Farrugia kif inhu aħjar magħruf, kien aljiev tal-bravissmu Marjanu Gerada, skultur Tarxiniż li fost l-oħrajn ħadem il-Madonna tal-Grazzja għas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar, Santa Katerina għall-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq u Santa Marija għal Ħal Għaxaq. Xandru mexa fuq il-passi tal-imgħallem tiegħu u fl-istess waqt kompla jiżviluppa stil personali li għamlu uniku.

Il-Lunzjata ta' Ħal Tarxien titqies bħala l-aħjar xogħol ta' Xandru Farrugia. Tant u hekk, li Xandru tqabbad biex jaħdem statwi titulari oħra fosthom ta' Santa Marija għall-Imqabba u dik ta' San Pawl f'Ħal Safi. Ma ninsewx ukoll id-diversi statwi oħra li nsibu mferxin ma' diversi knejjes.

Il-ħabib tagħna Joe Debono li fl-2004 għamel riċerka huwa nnifsu u komplew jirriżultaw diversi fatti ġodda waqt li ġew ikkonfermati oħrajn. Jidher li aktarx (mhux ċert) l-ewwel Madonna li Mastru Xand kien fi ħsiebu li juża għall-Annunzjata ta' Ħal Tarxien, illum tinsab



bħala d-Duluri fil-Kappella ta' Santu Kristu f'Ħal Għaxaq. Mill-pożizzjoni tal-figura jidher li l-iskultur ried jirraffigura lill-Madonna bil-qiegħda maħsuda bid-dehra ta' viżjoni divina, simili għall-kunċett li kien uża l-iskultur Francesco Mochi meta skolpixxa l-Annunzjata fil-Katidral ta' Orvieto (1603/5). Għal xi raġuni jew oħra din il-figura ma ntużatx u nħadmet il-figura Marjana Tarxiniża.

L-anġlu tal-lum mhux l-ewwel anġlu li Xandru Farrugia ħadem għat-Tarxiniżi. L-ewwel anġlu li sar kien wisq żgħir u ma ntgħoġobx. Dan l-anġlu Mastru Xand użah għall-istatwa tal-Orazjoni ta' Kristu fl-Ort fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun. Ta' min jgħid li dan ma ntgħoġobx minħabba l-qies tiegħu, mhux minħabba d-dehra tiegħu għax ovvjament, kien ta' sbuħija liema bħalha.

Xandru ħadem anġlu akbar u li jixraq aktar ma' din il-vara. Dan ukoll ra xi tibdil meta l-Moviment tan-Nazzareni 'tkaża' b'ċerta nudità fil-figura anġelika, li bħal dak tal-Ort taż-Żejtun kellu spallejh mikxufa. It-Tarxiniżi għaldaqstant qabbdu lill-istess Xandru biex jgħatti n-nudità tal-anġlu.

Fl-1885 il-vara rat l-akbar rinovazzjoni li qatt seħħitilha, iżda ma neħħiet xejn mis-sbuħija tagħha, anzi kompliet tagħmel minnha statwa aktar devota u romantika. Tqabbad Mastru Pawlu Bugeja – li ismu dik il-ħabta kien sar marbut ma' rinovar ta' diversi statwi; biex jesegwixxi x-xogħol taħt id-direzzjoni ta' Giuseppe Calì. Il-Madonna kienet xi ftit jew wisq differenti milli naraw illum. Il-mantar tal-Madonna kien jibqa' jdur ma' qaddha filwaqt li aktarx il-ġinokjatur li hemm illum żdied aktar tard matul iż-żmien. Wiċċ il-Madonna tbiddel ukoll matul iż-żmien. Suppost li l-wiċċ oriġinali għadu miżmum fid-*Domus Curialis* u juri biċ-ċar li dan l-ewwel wiċċ kien aktar tawwali u mislut, simili tal-Madonna tar-Rużarju li Xandru Farrugia ħadem għall-Knisja ta' Ħal Għaxaq fl-1823 u simili wkoll tal-uċuħ femminili li skolpixxa l-imgħallem ta' Xandru, Marjanu Gerada.

Calì ried ipoġġi raġġiera bil-figura tal-Ispirtu s-Santu bejn il-Madonna u l-Anġlu, iżda dan baqa' ma sar qatt probabbli minħabba nuqqas ta' finanzi. Il-pedestall tal-vara hu uniku fl-għamla tiegħu b'disinn neo-klassiku ta' Michele Busuttil. Għandu forma ottagonali f'sura ta' tempju klassiku bi tmiem kolonni, simbolu teoloġiku li l-Madonna hi Tempju ta' Alla. Fuq kull faċċata tal-pedestall jidhru minjaturi, tmienja b'kollox, li juri diversi simboli Marjani mpittra minn Giuseppe Calì. Dawn huma meqjusa bħala l-iżgħar xogħol ta' Calì.

Il-bradella interzjata saret minn Francesco Faure fuq disinn ta' G. Decelis. Matul iż-żmien l-istawti ġew sgraffjati u indurati b'mod li ma jtellifx mis-sbuħija skultorja tal-figuri u għaldaqstant illum għandna nistgħu ngawdu l-artistrija tal-panneġġi li jdur fl-ilbies u fil-mantar tal-Madonna kif ukoll fil-ħeffa tat-titjira tal-anġlu.

Kif wieħed jinnota, anke l-istorja tal-istatwa hija sabiħa, aħseb u ara l-istatwa nnifisha. Se nieqaf hawn imma se nitlobkom li jekk għandkom xi informazzjoni dwar Xandru Farrugia magħruf bħala Mastru Xand miż-Żejtun, jekk jogħġobkom tibagħtuli *email* biex inkun nista' niltaqa' magħkom jew tgħiduli fejn nista' nsib xi sorsi dwaru għaliex qed nagħmel studju dettaljat dwaru għal aktar għarfien dwaru u dwar ix-xogħlijiet tiegħu. Inkun ferm apprezzat u grat lejkom. L-email hija *vitoria@euroweb.net.mt*. Grazzi minn qalbi, filwaqt li nawguralkom l-isbaħ xewqat għalll-festa t-tajba!

Referenzi
Prof Guido Lanfranco: Statwi Titulari